19 ta Frar, 1954.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President*.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Joseph Busuttil *versus* **Emmanuele Schembri**

**Danni — Preskrizzjoni — Appell — Kolpa Akwiljana u Kolpa Kontrattwali — Art. 2256 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni għal danni hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn meta d-danni huma derivanti minn kwaži-delitt, jiġifieri fil-każ ta' kolpa akwiljana; u **mhux ukoll fil-każ ta' kolpa kontrattwali.***

*Huwa veru li mhux kull **vjolazzjoni tad-dritt ta' ħadd ieħor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali; però, biex***

*il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jeħtieġ li dik il-kolpa ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti; u għalhekk, anki fil-preżenza ta' kuntratt, jiddependi mic-ċirkustanzi l-ġudizzju jekk il-kolpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew akwiljana. Jiġifieri illi meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.*

*Fil-każ ta' appalt, l-addebitu li l-appellant jagħmel lill-appaltatur li huwa responsabbli għad-danni minħabba eżekuzzjoni ħażina ta' l-appalt jikkostitwixxi addebitu ta' kolpa kontrattwali, u ma fihx karattru delittwuż jew kolpuż; u għalhekk il-preskrizzjoni applikabili kontra l-azzjoni għal dawk id-danni hija dik ta' ħames snin.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu xtara minn għand Spiridione Tabone l-fond nru. 22B, Tignè Street, tas-Sliema, imġarraf bl-operazzjonijiet tal-gwerra, u l-konvenut ġie inkarikat, l-ewwel mill-imsemmi Tabone, u wara l-akkwist minnu stess (l-attur), biex jibni mill-ġdid l-istess fond; u li b'sentenza tal-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-kawża "Rev. Kan. Gio Carlo Burlò et. vs. Joseph Busuttil", hu ġie kundannat iressaq lura l-ħajt diviżorju bejn il-bitħa tal-fond u l-bitħa tal-fond kontigwu, u fin-nuqqas l-atturi f'dik il-kawża ġew awtorizzati iressqu dak il-ħajt għas-spejjeż tiegħu; u li sussegwentement, b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-2 ta' Marzu 1953, hu ġie kundannat iħallas l-ispejjeż kollha ta' dik il-kawża; u li l-konvenut bena l-ħajt fejn deherlu, u ma wżax il-prudenza u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, u għalhekk hu responsabbli tal-ħsara li hu sofra — liema ħsara tikkonsisti fl-ispejjeż biex il-ħajt jersaq f'postu u fl-ispejjeż tal-kawża fuq riferita; talab illi l-istess konvenut jiġi dikjarat responsabbli għad-danni kollha minnu (mill-attur) sofferti minħabba l-fatt li l-konvenut talla' l-ħajt mhux fejn kellu jtellgħu minħabba fin-negliġenza u nuqqas ta' prudenza da parti tiegħu. B'riżerva ta' kull azzjoni oħra, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-17 ta' April 1953;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti, tat-30 ta' Ottubru 1953, li biha rrespingiet iż-żewġ eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni; bl-ispejjeż kontra l-konvenut; billi kkunsidrat;

Illi, kwantu għall-preskrizzjoni ta' sentejn, din hija dik kontemplata fl-art. 2258 tal-Kodiċi Ċivili, applikabili biss għal l-azzjoni għad-danni derivanti minn kważi-delitt, fi kliem ieħor għall-addebitu ta' kolpa akwiljana, u mhux għal kolpa kontrattwali;

Illi fil-każ preżenti kien hemm kuntratt li in forza tiegħu l-konvenut kellu jibni mill-ġdid — kif hu allegat fl-att taċ-ċitazzjoni u ma jidherx kuntrastat — il-fond imsemmi fl-istess att taċ-ċitazzjoni, fejn, kif jallega l-attur, il-konvenut, b'negliġenza, ma tellax f'postu ħajt bejn il-bitħa ta' l-istess fond u l-bitħa tal-fond kontigwu; minħabba f'liema fatt l-attur jallega li sofra danni li għar-riżarċiment tiegħu qiegħed jazzjona lill-konvenut;

Illi huwa veru li mhux kull vjolazzjoni tad-dritt ta' ħadd ieħor li tiġri fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali; però, biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali, jeħtieġ li dik il-vjolazzjoni ma jkollhiex rapport dirett mal-kuntratt pre-eżistenti, l-għaliex anki fil-preżenza ta' kuntratt jiddependi miċ-ċrkustanzi l-ġudizzju jekk il-kolpa li wieħed mill-kontraenti jaddebita lill-ieħor hijiex kontrattwali jew akwiljana;

Illi l-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-eżekuzzjoni, jew f'eżekuzzjoni ħażina, ta' obligazzjoni riżultanti minn kuntratt. Għal din il-kolpa kontrattwali top-poni ruħha l-kolpa akwiljana jew delittwuża, li fl-eżistenza ta' kuntratt tivverifika ruħha però biss meta l-fatt kolpuż li jiġi magħmul ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kon-trattwali;

Illi fil-każ in diżamina l-fatt kolpuż addebitat lill-konve nut mhux, evidentement, indipendenti u awtonomu mill-kun-tratt fuq imsemmi; u għalhekk l-eċċezzjoni ta' sentejn kon-templata fiċ-ċitat artikolu 2258 tal-Kodiċi Ċivili mhix appli-kabili;

Illi, kwantu għall-preskrizzjoni ta' ħames snin, dina ma

ti-tax jiġi akkolta, peress li għadu ma għaddiex iż-żmien meħtieġ għall-kompiment tagħha, li beda jiddekorri mill-jum li fih l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata (art. 2242 Kodiċi ċitat), u ż-żmien li għadda minn dak il-jum, meta gie mill-Qorti deċiż li l-ħajt kellu jiġi mgarrat biex jerġa' jinbena apposta, minn liema jum l-attur seta' jeżerċita l-azzjoni, sa dak li fih huwa bl-ittra uffiċjali sejjaħ lill-konvenut għal-likwidazzjoni tad-danni, u sa dak li fih istitwixxa l-kawża, huwa wisq anqas minn ħames snin;

Rat fol. 26 in-nota ta' l-appell tal-konvenut, u fol. 27 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab ir-revoka tas-sentenza appellata, u li tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, l-eċċezzjoni minnu sollevata tal-preskrizzjoni biennali;

*Omissis;*

**Tratta** l-appell;

**Ikkunsidrat;**

Il-kwistjoni hija jekk il-kolpa fil-każ preżenti kienetx kontrattwali jew extra-kontrattwali, għaliex minn hekk jiddependi t-terminu preskrizzjonali. Ma hemmx dubju li kwistjoni simili giet dibattuta ferm fid-dottrina, tant li l-Giorgi jgħid:— "La distinzione fra colpa contrattuale e colpa extracontrattuale, è uno fra i temi preferiti della dottrina contemporanea" — Teor. Obbligaz., Vol. V, p. 218, nota (1);

L-Ewwel Qorti traċċjat wieħed mill-kriterji sabiex jiġi deċiż jekk il-fatt hux kolpa kontrattwali jew akwiljana, vwol diri li, meta hemm kuntratt, il-kolpa tista' tkun akwiljana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali. Dan hu kriterju korrett, kif tista' turi l-eżemplifikazzjoni ta' xi każijiet. Hekk bejn l-inkwilin u s-sid ikun hemm rapport kontrattwali; imma jekk l-inkwilin jinċendja l-post, hemm ċertament ir-rapport delittwuż, għax dan huwa fatt indipendenti u awtonomu. Hekk ukoll, il-frodi kommessa mill-venditur għad-dannu tal-kumpratur — fatt indipendenti mir-relazzjoni ta' bejjiegħ u xerrej bħala rapport merament kontrattwali. Hekk ukoll l-omiċidju involontarju fit-trasporti (ara Giorgi, loc. ċit., p. 226);

**Issa**, fil-każ preżenti, bejn l-attur u l-konvenut kien hemm ir-rapport kontrattwali ta' l-appalt. Il-konvenut kellu

l-obligu li, l-eżekuzzjoni ta' l-appalt, jur, perizja u juża d-diligenza meħtieġa mill-ogi. Qiegħed jigi allegat li hu naqas minn dan l-obligu — li hu obligu kontrattwali — u li fil-bini tal-ħajt diviżorju daħal fi spazju ta' ħadd ieħor. Hu ċar, għalhekk, u ma hemmx hemm, fil-każ preżenti, fatt indipendenti jew awtonomu, imma (jekk verament kien hemm, u salv il-meritu) fatt ta' negligenza jew imperizja li jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali, li tista' tkun "non factum", jew, bħal ma hu allegat li kienet f'dan il-każ, "male factum". Inadempjenza ma tistax tkun kolpa akwiljana; din hi "damnum injuria datum", li jista' jsir fl-okkażjoni ta' kuntratt. Il-Laurent (Principi Dto. Civ. Vol. XVI, p. 225) jeluċida d-distinzjoni bi kliem prezzjużi, li huma dawn :— "*Il delitto è una lesione dell'ordine pubblico, e parimenti il quasi-delitto interessa la sicurezza delle persone........ la cosa è affatto diversa in materia di obbligazioni convenzionali. L'inadempimento di impegni da taluno stipulati non produce che un danno pecuniario*" ;

*Hekk ma f'dan il-każ, fejn ma jirrikorrix il-karattru delittwuż jew kważi-delittwuż; għaliex il-fatt allegat a kariku tal-konvenut jigi direttament mill-mod ta' eżekuzzjoni ta' l-impenji meħbu bħala konċessjonarju ta' l-appalt, u mhux fatt għalih, indipendenti, b'rapport biss okkażjonali jew inċidentali mal-kuntratt. L-appalt kien jimplika li l-konvenut jibni l-ħajt fil-post fejn seta' legalment jinbena; l-allegata vjolazzjoni ta' dak l-obligu hija parti intima u sostanzjali ta' l-appalt, u *mhux fatt* awtonomu li ma' l-appalt għandu biss rapport okkażjonali (ara Fadda — art. 1151, 1152, para. 902) ;

L-*appellant* iċċita s-sentenza ta' din il-Qorti "Borg vs. Grech", Vol. XXXIII—I—695 ; iżda l-fattezzi ta' dan il-każ hekk ċitat kienu diversi, *għaliex* fih kien hemm fatt awtonomu, ċjoè l-esklużjoni kolpuża ta' l-attur, f'dik il-kawża, mill-"leather pool". L-appellant iċċita wkoll id-deċiżjoni riportata *fil-para* 839 *tal-Fadda*, loc. cit., *fejn* jingħad li hemm kolpa kontrattwali meta l-ħsara ssir lill-kontraent l-ieħor, u kolpa akwiljana meta l-ħsara ssir lit-terz; iżda appuntu, f'dan il-każ, il-meritu tal-kawża hu l-ħsara li saret lill-attur mill-

allegata imperizja u negliġenza tal-konvenut fl-eżekuzzjoni ta' l-appalt, u l-preskrizzjoni hi marbuta max-xorta ta' l-azzjoni preżenti;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma fil-kap devolut is-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant; u tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.